MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Numru. 26/2008

PULIZIJA
SPETTUR MARISA CAMILLERI
VS
OWEN BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Owen Borg, ta’ 21 sena, bin Joseph u Gemma nee’ Felice, imwieled Pieta’ fil-25 ta’ Frar 1986, u residenti 29, Mayflower, Triq Icilio Calleja, Zebbug, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 108886(M);
U akkuzat talli f’xi hin matul il-lejl ta’ bejn l-1 u t-2 ta’ Novembru 2007, minn gewwa Xalun Farm, Triq il-Hlas, Qormi, ikkommetta serq t’annimali li l-valur taghhom huwa ta’ aktar minn elf Lira Maltin (Lm1000), ghad-dannu ta’ Nicholas Cachia, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok, hin u xorta tal-haga misruqa.

Akkuzat ukoll talli f'xi jum matul ix-xahar t'Ottubru 2007, ikkommetta serq minn gewwa ghalqa limiti ta' Hal Farrug (Zebbug, Malta), ta' annimali li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn mitt Lira Maltin (232.94 Euro) izda anqas minn elf Lira Maltin (2329.37 Euro) ghad-dannu ta' Amabile Ellul, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok, hin u xorta tal-haga misruqa.

Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija ta' iktar minn hamsin Lira Maltin (116.47 Euro) izda inqas minn hames mitt Lira Maltin (1164.69 Euro) ghad-dannu ta' l-istess Amabile Ellul.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi dedotti kontra tieghu, u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 267, 269, 270, 271 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap 446, tqieghdu that 'ordni ta' probation' ghall-perjodu ta' sentejn, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat huwa 'a first offender', irregistra ammissjoni bikrija, in vista tal-mahfra tal-

kwerelanti u l-fatt illi r-res furtiva kollha giet rikoverata u konsenjata lill-kwerelanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------